MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2312/1997/1

**Gasan Insurance Agency Ltd u b' nota tas-26 ta' Ottubru 1999 is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation PLC ta' Perth, Scotland kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Mark Calleja Urry, u b' nota tas-17 ta' Novembru 2000 is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera C. G. U. Insurance plc ta' Perth Scotland, assumiet l-atti tal-kawza minflok l-attur u dan stante *mergers* lokali u esteri**

**vs**

**Parnis England Trucking Ltd personalment u bhala agenti u in rapprezentanza ta' Kertainer Lines ta' Rotherdam, Olanda**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Frar, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Ra l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici *nomine* talbet sabiex dik konvenuta pro et *nomine* tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici is-somma ta' Lm445.50,0 rapprezentanti hsarat fuq il-jet ski li wasal Malta abbord il-vapur Peninsula Bay fit-2 ta' Marzu 1997 ghal liema hsarat is-socjeta konvenuta responsabbli.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta, 'personalment' (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta qdiet l-inkarigu taghha b'diligenza ta' bonus pater familias.
2) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit trid issir prova tad-danni allegatament subiti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad li:-

1) Is-socjeta konvenuta, kif risultanti minn nota tal-eccezzjonijiet taghha eccepiet illi hi, '…. qdiet l-inkarigu taghha b'diligenza ta' bonus pater familias' kif ukoll li'….. trid issir il-prova tad-danni allegatament subiti.
2) Dwar l-ewwel eccezzjoni, jidher mill-istess atti li ebda prova ma giet prodotta mill-istess socjeta konvenuta, pro

et *nomine*, sabiex tissostanzja, dak li allegat f'din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi is-socjeta attrici *nomine* pproduciet diversi provi, kemm orali kemm taht forma ta' dokumenti, in sostenn ta' dak mitlub fl-avviz in esami, kif ser jinghad:

i) <u>Gordon Axiaq</u> (fol 9 et seq ibid). Dan, bhala skrivan fil-'claims' section tal-istess socjeta attrici *nomine* spjega li Mark Calleja Urry kien assikurat ma' din is-socjeta u dan in konnessjoni mal-importazzjoni f'Malta ta' 'jet ski', kif deskritt fl-istess xhieda. Meta dan l-oggett kien wasal f'Malta fuq il-vapur "Peninsula Bay', l-istess assikurat kien infurmat li kellu hsara konsistenti, kif ikkostata l-istess xhud, fi brix u taghtin tal-qiegh tieghu minn quddiem sa wara kif ukoll f'daqqiet fuq wara u fil-mekkanizmu tar-'reverse' (ara Dok GA1 a fol 11 tal-istess atti). Hu kien ra, ukoll, li, sabiex dan l-oggett jigi impostat mill-Kanada, kien jinsab go kaxxa u, go din, kien imdendel fuq 'cradle'. L-istess kaxxa, pero', kienet miksura fuq wara u kien ghalhekk, evidenti ghalih li kien sar 'mishandling'. Wara li x-xhud kien ha ritratti tal-istess 'jet ski' (ara l-kopji annessi a fol 13 u fol 14), li l-istess assikurat kien ghamel id-'claim' relattivi, kienet saret stima tal-hsarat minn Paul Ebejer kif ukoll 'survey' tal-istess hsarat minn Daniel Grima, l-istess assikurat kien gie risarcit mis-socjeta attrici *nomine* fis-somma ta' Lm445.50,0 bid-debita 'surroga' (ara fol 16 sa fol 20 tal-istess atti).

ii) <u>Anthony Saliba</u> (fol 29 et seq ibid), prodott f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, ikkonferma li l-istess 'jet ski' kien gie impostat fit-2 ta' Marzu 1997 fuq l-vapur imsemmi u f'container' numru NOS0433070/1. Waqt li ghamel referenza, fix-xhieda tieghu, ghal kopja tal-manifest tas-socjeta konvenuta, hu spjega li fuq dan id-dokument kien hemm imnizzel "….. li l-jet ski …. kien gie ircevut danneggat' (ara fol 33 ibid). Inoltre b'referenza ghal manifest iehor (a fol32 ibid) liema dokument jirreferi ghal konsenja tal-istess oggett mis-socjeta konvenuta lil 'Express Trailers Limited', jinsab specifikat ukoll li anke f'dan l-istadju, l-istess oggett kellu 'bottom partly

damaged'. L-istess fizzjal tad-dwana kompla biex jghid li hu stess kien innota li kien hemm hsara, kif hemm fuq deskritta fuq l-istess 'jet ski' meta dan gie rilaxxat minnu u wara li gie esaminat minnu meta tnizzel mill-'container' li kien jinsab f'Hal Far Groupage' flimkien ma merkanzija ohra appartenenti lil diversi importaturi ossija konsenjatarju.

iii) Mark Calleja Urry (fol 37 u fol 73 et seq ibid) spjega li kien inkariga lis-socjeta 'Express Trailers Limited" sabiex jkun jista' jimporta l-'jet ski' in kwistjoni mill-Kanada lejn Malta via l-Olanda. Dwar dan jidher li kien sar arrangament sabiex l-istess oggett jitnizzel mill-Olanda lejn Malta permezz ta' 'trailer' li kien ser jigi importat bhala 'groupage' mis-socjeta konvenuta, liema arrangament kien sar 'ad insaputa' tieghu. Mal wasla tal-istess oggett u wara li gie informat b'dan, hu kien mar, personalment, fid-Dwana f'Hal Far fejn hemm sab il-'jet ski ippakkjat' fuq palett imdawwar bl-injam ….. go 'cradle' tal-injam' u danneggat billi kellu l-qiegh, maghmul minn 'fibreglass', imkisser u z-zebgha maqlugha oltre xi hsarat ohrajn, kif deskritti minnu. Ghalhekk, wara li sar 'survey', hu kien irriparah u s-socjeta attrici kienet irrisarcitu permezz ta' pagament b'surroga. In kontroesami hu rrefera ghal kif l-istess oggett gie ppakjat fil-Kanada u ghat-tragitt tieghu mill-Kanada lejn l-Olanda.

iv) L-ahhar xhud kien semma' li l-oggett in kwistjoni mal-wasla tieghu f'Malta, kien gie esaminat minn Paul Ebejer 'surveyor' inkarigat minnu stess, ghal dan il-ghan. L-istess Paul Ebejer (fol 42 ibid) spjega li, oltre li ghamel 'survey' kien esegwixxa, 'qua Marine Services Limited', ir-riparazzjonijiet kollha necessarji wara li l-istess assikurat kien ipprovda l-partijiet relattivi.

v) Fl-ahhar nett, xehed Francis Vella (fol 68 et seq ibid) direttur tas-socjeta, gja msemmija, 'Express Trailers Limited' li ikkonferma li, fl-Olanda, il-'jet ski' kien mghobbi '…. ma xoghol iehor ta' agenti ohra taghhom (vis-à-vis is-socjeta Olandiza bl-isem ta' 'Scan Freight" imsemmija mill-istess xhud) hawn Malta'. Dwar dan, hu spjega, ulterjorment, '…….il-'jet ski' gie mghobbi flimkien ma xoghol li kellu jigi trasportat hawn Malta ghad-ditta Parnis Enland ….. fi 'groupage container'. Difatti meta wasal f'Malta, l-istess 'container' ossija 'trailer kien inhatt fi

‘groupage bond’ tal-istess ditta konvenuta wara li ingieb dejjem f’Malta, wara trasbord fl-Olanda, fuq vapur li, tieghu, kienet l-agent hawn Malta l-istess socjeta konvenuta. Ix-xhud ippreciza li kienet giet, informata mill-imsemmija ditta ‘Scan freight’ li, fl-Olanda jew Antwerp, il-‘jet ski’ kien ‘in a perfect condition’ waqt li fuq il-‘bill of lading’ ma kien hemm ‘l-ebda kumment’. Fl-ahhar nett, hu rrefera ghall-hsara li giet kostatata fl-istess oggett, meta dan kien ghadu fil-‘bond’ tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, kif premess fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, din qed tallega illi esegwit l-inkarigu taghha b’diligenza ta’ ‘bonus pater familias’ minghajr, pero’ ma pproduciet xi prova dwar dan.

Illi fil-fatt, jidher mill-provi prodotti li l-oggett in kwistjoni, gie danneggjat fit-tragitt tieghu, fuq il-vapur imsemmi bejn l-Olanda u Malta. Hawnhekk, mill-istess provi jidher li dan kien fil-kura u fil-kustodja tal-istess socjeta konvenuta kif hemm fuq spjegat meta effettwament kien gie dannegjat. Ghalhekk, kien jispetta lill-istess socjeta konvenuta sabiex tghid li kienu ittiehdu l-prekawzjonjiet kollha sabiex jigu evitati hsarat, liema fatt ma avverax ruhu. Ghalhekk, fin-nuqqas ta’ prova kontrarja, is-socjeta konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-akkadut u ghalhekk trid tigi kundannata sabiex thallas l-ammont pretiz fl-avviz, liema ammont gie sufficjentement pruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici *nomine* s-somma ta’ Lm445.50,0 bl-imghaxijiet legali mid-9 ta’ Gunju 1997 (ara fol 19 ibid) sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.”

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravji kif gej:

(1) Mill-provi ma jirrizulta minn imkien li hi kienet giet inkarigata mill-garr tal-*jet ski*;
(2) Is-socjeta` attrici appellata ma gabetx provi sufficcjenti li hi kienet b' xi mod responsabbli ghad-danni sofferti minnha;
(3) Il-fatt tad-deskrizzjoni fil-polza "*1 pallet said to contain Sea Doo*" ma jipprovax li l-*jet ski* kien f' kundizzjoni tajba meta gie *shipped* mill-Olanda;

Ghall-appell interpost is-socjeta` attrici wiegbet hekk:-

1. Preliminarjament ir-rikors ta' l-appell ma jindikax illi dan kien qed isir ukoll mis-socjeta` appellanti *nomine*;
2. Mhux konsentit illi s-socjeta` appellanti tressaq aggravju fuq kontestazzjoni li ma gietx sollevata quddiem l-ewwel Qorti;
3. Il-provi jiddemostraw illi hi rnexxielha tiskarika l-piz inkombenti fuqha li l-hsara fl-oggett importat sehhet fil-kors tat-tragitt mill-Olanda ghal Malta;

Kwantu ghall-ewwel pregudizzjali ghandu jinghad illi din il-Qorti kienet gja laqghet talba ghall-korrezzjoni mitluba mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell b' digriet tas-17 ta' Marzu 2004. Dan fit-termini ta' l-Artikolu 175 (2) tal-Kapitolu 12. Ghalhekk din il-pregudizzjali hi ormai sorpassata;

Riferibilment ghat-tieni pregudizzjali sollevata mis-socjeta` attrici appellata huwa altru minn ovvju minn ezami ta' l-atti processwali illi s-socjeta` appellanti ma ssollevat bl-ebda eccezzjoni taghha illi hi ma kienetx responsabbli mit-trasport tal-kariku *de qua*;

Fil-fehma anke ta' din il-Qorti difiza bhal din kellha titressaq b' mod formali permezz ta' eccezzjoni *a tempo debito* biex din setghet tigi epurata u deciza mill-qorti ta' prim' istanza. Jinsab deciz illi "mhux lecitu li s-socjeta` konvenuta tqajjem materji ta' din ix-xorta quddiem din il-

Qorti ta' revizjoni kemm ghax dan ikun qed jissorprendi l-kontroparti u jipprivaha mid-dritt ghal doppio esami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati jkunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellant *nomine* qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti" - "**Malcolm Cachia *nomine* -vs- Joseph Apps *nomine***", Appell, 30 ta' Gunju 1997;

Anke kieku kellha pero` din il-Qorti tokkupa ruhha mill-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti ssib li dan hu ghal kollox insostenibbli. Apparti li l-polza tal-kariku (fol. 23) tindika espressament lis-socjeta` appellanti bhala l-agenti lokali tal-linja trasportatrici Kertainer Lines, jinsab dikjarat ukoll minn Francis Vella, direttur tal-kumpanija Express Trailers Limited, illi "l-isem tal-vapur li ttrasporta dan il-*container* inkluz il-*jet ski* go fih, kien jismu 'Peninsular Bay'. L-agent ta' dan il-vapur kien l-istess Parnis England Trucking Limited" (fol. 69). Din id-dikjarazzjoni ma gietx kontrastata mis-socjeta` appellanti, kif lanqas ma kkontestat il-fatt mistqarr mill-istess xhud imsemmi illi wara l-iskarikar il-*container* iddahhal fil-*bond* taghha;

Issa l-fatti li wasslu ghall-azzjoni mis-socjeta` attrici jinsabu sew rijassunti fis-sentenza appellati u mhux il-lok li dawn jergghu jigu replikati;

Fil-qosor, pero`, il-provi juru bla ombra ta' dubbju li l-*jet ski* gie ricevut fi stat danneggjat. Dan hu dimostrat mill-manifest (fol. 33) kif ukoll b' mod konvincenti mix-xhieda ta' Anthony Saliba rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 29) u dik ta' Gordon Axiaq, *clerk* fil-*claims section* tas-socjeta` attrici (fol. 9) u tal-precitat xhud Francis Vella (fol. 68). Imbaghad, ix-xhud Paul Ebejer (fol. 42) jikkonferma li huwa kkonduca xoghol ta' riparazzjoni fuq dan il-*jet ski*;

Fil-kompless, is-socjeta` attrici ddizimpenjat sew il-piz probatorju li tiddemostra ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-fatt

kostituttiv tad-dritt pretiz minnha illi l-hsara avverat ruhha waqt li l-*jet ski* kien fil-pussess tal-vettural li garru mill-Olanda ghal Malta. Mill-provi offerti din id-dimostrazzjoni ta' fatt tinsab adegwatament dedotta;

In tema legali, kif artikolat fid-dispost 325 tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13), "il-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha nteressati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi, bla hsara ta' prova kuntrarja."

Issa minn analisi tal-polza in diskussjoni ma tirrizulta l-ebda rimarka dwar l-istat u l-kondizzjoni tal-*jet ski* fil-mument li dan tghabba fuq il-vapur. Wiehed ghandu logikament jiddezumi li dan tghabba abbord f' kondizzjoni tajba u allura hu f' din l-istess kondizzjoni li hu mistenni li jigu skarikat. Il-presunzjoni li taghmel il-polza tista' tigi newtralizzata bi prova kuntrarja kif jinghad fil-precitat artikolu. Tali prova kuntrarja tispetta lill-vapur u kien aspettat li l-konvenut jforni elementi sufficcjenti u f' sens sostanzjali dwar l-istat tal-merce fil-mument tat-taghbija. F' tali cirkostanzi jista' jinghad allura illi l-konvenut appellant naqas li jsostni l-legittimita` u l-fondatezza ta' l-eccezzjoni tieghu illi hu qeda l-inkarigu tieghu b' diligenza tal-*bonus paterfamilias*;

Irid jinghad ukoll illi ghalkemm fil-polza tezisti fid-deskrizzjoni tal-merce l-espressjoni "*said to contain*", tali klawsola ghandha biss l-effett li topera ghaf-favur tal-vapur "*che la quantità della merce resa e consegnata sia presumibilmente da ritenere la stessa che gli venne caricata*" (**Kollez. Vol II pagna 596; Vol. XXV P I p 854**). F' dan il-kaz il-kontestazzjoni ma taggirax dwar il-kwantita`, anke ghaliex si tratta ta' oggett uniku li tghabba u gie skarikat. Ghalhekk tali klawsola ma tistax tezonera lill-vapur mill-konsegwenzi tar-responsabilita` ghall-hsara riskontrata fil-merce trasportata. Mhux il-kaz ghalhekk in bazi ghall-kondsiderazzjonijiet fuq maghmula illi din il-Qorti tiddissenti mir-ragonament u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tal-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------